MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 368/2011

Kawza fil-lista: 31

**R W**
**vs**
**K W**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-14 ta’ Jannar 1999, u f’dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha jeccepixxi li hu ma riedx ulied miz-zwieg;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-14 ta' Jannar 1999 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel li z-zwieg huwa null.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-14 ta' Jannar 1999 meta allura l-attrici kellha 43 sena u l-konvenut kellu 57 sena, wara li t-tnejn kienu romlu u kellhom tfal miz-zwiegijiet precedent taghhom. Minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal

Illi l-attrici tghid li l-konvenut kien habib tar-ragel li kellha u ta' huh, wara l-mewt ta' zewgha l-konvenut baqa' jmur jghinha fix-xogholijiet tad-dar taghha u minn hemm qabdu relazzjoni wara li l-istess konvenut kien tilef lill-martu.

Illi skond l-attrici l-partijiet kienu nfirdu ghal madwar xahar, u kien biss wara li kellmet lil hu r-ragel li kellha biex jerggha jirranghom li l-konvenut irritorna lura fir-relazzjoni u ftit wara ried li jizzewgu.  L-attrici ssostni li huma zzewgu minhabba l-fatt li l-konvenut staha minn hu r-ragel taghha li kien ghadu ma jafx li kienu f'relazzjoni u kienet hi li kixfet dina r-relazzjoni meta talbitu sabiex jiprova jirrangahom.

Dan tkompli tishqu anke peress li hija ssostni li hekk kif miet hu l-ewwel r-ragel taghha l-konvenut talab ghall-separazzjoni.

L-attrici tghid ukoll li l-konvenut baqa maghha minhabba li ried sehem mid-dar peress li huwa kien ghamel xi xogholijiet fiha. Hija tghid ukoll li fir-relazzjoni kellhom hafna problemi, qatt ma dara u ma kellux pjacir b'uliedha peress li bintu ma kienetx maghhom. Inoltre, bintu m'accettatx lill-attrici u l-konvenut kien issostni li kien ghad ghandu obbligu lejn bintu u anke finanzjarjament kien ihalliha nieqsa sabiex jghaddi l-flus lill-bintu ta' 34 sena.

Illi l-partijiet it-tnejn issostnu li l-konvenut qatt ma ried tfal, di fatti l-attrici tghid "*ghax hu qatt ma ried li jkollna tfal flimkien peress li hu kien jghdi li b'dak il-mod it-tifla tieghu kien ikollha taqsam il-wirt tieghu ma' tfal ohra u dan ma riedux isehh*"[1]. Filwaqt li fir-risposta tieghu l-konvenut eccepixxa li "*huwa ma riedx ulied tieghu mar-rikorrrenti u dan peress li mill-ewwel zwieg tieghu kellu zewg ulied mentri r-rikorrenti, mill-ewwel zwieg taghha, kellha tlett ulied, u fil-fatt, kien dahal ghaz-zwieg tieghu mar-rikorrenti bl-intenzjoni li ma jkollux xi wild minnha*"[2].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut l-*caput nullitatis* kontemplat fil- paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li l-konvenut dahal ghal dan iz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva ta' elementi esssenzjali tal-hajja mizzewwga, senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku u l-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

[1] Fol. 11 tal-process.
[2] Fol. 15 tal-process.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-14 ta' Jannar 1999.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------